MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Talba Numru. 1102/2003

**GasanMamo Insurance Limited u din kif surrogata fid-drittijiet ta l-assikurat taghha Peter Demicoli sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Peter Demicoli**
**Vs**

**George Xerri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta Gunju 2003, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' seba mija u disgha u sebghin lira sitta u ghoxrin centezmu (Lm779.26) rapprezentanti danni kkagonati f'incident stradali li sehh fil-31 ta Awissu 2002 gewwa Triq Santa Maria, Ghaxaq bejn il-vettura DAC 069 misjuqa mill-konvenut u dik ABH 578 misjuqa minn Johnnie Demicoli pero` proprjeta ta' Peter Demicoli u liema vettura kienet assikurata comprehensive mas-socjeta` attrici u ghal liema ncident kien unikament responsabbli l-istess konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta l-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u l-ittra ufficcjali datata 2 ta` April 2003 kontra l-konvenut u bl-imghax pagabbli mit-2 ta` April 2003 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-30 ta Gunju 2003 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li nnega kul responsabbilita ghall-incident in kwistjoni.

Ra x-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra;

Illi skond il-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa jidher prima facie li l-incident sehh meta z-zewg vetturi li kienu gejjin minn direzzjoni opposta ta` xulxin gewwa Triq Santa Maria riedu t-tnejn iduru lejn trieq Santa Tereza u l-impatt sehh hekk kif it-tnejn ghamlu din il-manuvra biex iduru minn triq ghall-ohra. Iz-zewg sewwieqa jallega fuq xulxin li ma kienx hemm sinjal indikattivi ghal tali manuvra. Il-konvenut ighid li Demicoli kiser f’salt ghal fuqu minnghajr indicator filwaqt li Demicoli ighid li l-konvenut baqa diehel dritt ghal fuqu biex jittenta jghaddi minn parti one-way minnflok ma kiser ghal triq Santa Tereza.

Illi ghalhekk huwa ferm importanti ghal dan it-Tribunal biex jasal ghal konkluzjoni dwar liema verzjoni hija l-aktar veritjiera, partikolarment meta tqis li ma semghax hu personalment ix-xhieda viva voce, illi jirrikorri ghax-xhieda, rapport u skizz tal-pulizija li nvestigat il-kaz cioe WPS 40 Isabel Camilleri liema prova suppost li tkun oggettiva.

Illi minn din il-prova ta l-ahhar it-Tribunal huwa propens li jqis ix-xhieda moghtija mis-sewwieq tal-vettura tal-attur bhala aktar kredibbli u verosimili. Dan qed jinghad in vista tas-segwenti osservazzjonijiet:-

1. Il-vettura tal-konvenut halla brake marks ta 12.7 metres. Dan ifisser li huwa kien gej b’certu speed u jikkorrobora dak li xehed John Demicoli fejn qal li l-

konvenut kien gej bi speed eccessiv u li sema hoss ta brake qawwi;

2. Illi anke jekk tali brake marks jikkorrispondu ghal speed li jista jkun meqjus bhala accettabbli pero border line ghaz-zona in kwistjoni, xorta wahda ma hux gustifikabbli meta tqis il-fatt li suppost il-konvenut kellu l-intenzjoni li jdur ghal triq ohra la gemba – anzi il-fatt li kien gej b'tali speed u halla tali brake marks meta kien qed javvicina cross road aktar taghti kredtu ghal verzjoni li proprjament huwa kien intenzjonat li jibqa tiela one way minn Triq Santa Maria milli li ried idur ghal triq ohra;

3. L-ispot of impact fuq l-iskizz jinsab indikat il-gewwa minn triq Santa Maria mnejn kien gej l-attur u cioe dan ifisser li l-konvenut gia kien ippunta gewwa dik il-parti ta Triq Santa Maria fejn ghalih kienet one way. Dan jerga jikkorrobora l-verzjoni ta l-atturi u cioe li l-konvenut baqa diehel dritt fi triq Santa Maria mnejn kienet gejja l-vettura tal-attur u mhux tassew li kien qed idur ghal Triq Santa Tereza;

4. Illi dan il-fattur tal-ispot of impact jirrizulta wkoll u jidher minn fuq ir-ritratti esebiti u mmarkati Dok EM 1,2,3 u 5 cioe fejn hemm it-tbajja z-zghira liema tbajja tider sew gewwa parti mit-trieq li suppost li hija one way ghall-konvenut;

5. Il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut kif murija fuq l-iskizz tas-surgent vis a vis l-ispot of impact u l-progress tal-brake marks quddiemha jaghti kredtu ghall-allegazzjoni ta Demicoli li l-konvenut regga l-vettura tieghu lura wara l-incident kuntrarjament ghal dak li ighid l-istess konvenut li l-vetturi baqghu ma ntmessux – filwaqt li l-posizzjoni tal-vettura tal-attur vis a vis l-ispot of impact hija tindika li bid-daqqa l-vettura immollat ftit lura;

6. Jinghad ukoll li l-angolu tal-vettura tal-attur u l-fatt li l-hsarat fuq il-vettura tieghu kienu maggorment fuq quddiem in-naha tal-passiggier hija ndikattiva tal-fatt li hu tassew kellu l-intenzjoni li jidhol ghal triq Santa Teresa. Mill-banda l-ohra kif gia ssemma hawn fuq il-brake marks tal-konvenut mhux biss iqieghdu fid-dubbju il-verita tal-intenzjonijiet minnu espressi izda jinghad ukoll li ma jistax ikun li l-impatt sehh ghax il-vettura tal-attur kisret f'salt ghal fuqu waqt li l-konvenut kien qed idur gewwa Triq santa Tereza – li kieku kien hekk il-konvenut ma kienx

ihalli 12.7 metres brake marks warajh – sinjal li hu kien ra l-vettura tal-attur ta l-anqas dik id-distanza kollha tal-brake marks (apparti t-thinking distance) jaghmel il-manuvra biex idur ghal triq Santa Teresa waqt li l-konvenut kien ghadu gej fid-dritt;

Illi jigi osservat li l-valur tal-kwantum tad-danni ma humiex qed jigu kkontestati.

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjoni tal-konvenut, kwindi jilqa t-talbiet attrici u ghalhekk filwaqt li jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali meritu ta dina l-kawza jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif mitluba ta sebgha mija u disgha u sebghin lira sitta u ghoxrin centezmu bl-imghax legali dekorribbli mit-2 ta April 2003 u bl-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------